- *Ħlas għal servizz ta' machine operator*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

## SEDUTA TA' L-1 TA' DIĊEMBRU, 2020.

## Rikors Guramentat Nru. 44/2017 GM

BALLUT BLOCKS SERVICES LIMITED C8360

vs

BONNICI BROS. CONTRACTORS LIMITED C-21406 U MDM COSTRUZIONI GENERALI Srl, IT-TNEJN EŻERĊENTI L-KUMMERĊ FLIMKIEN BL-ISEM TA' "BM TUNNEL JV"

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu Ballut Blocks Services Limited wara li ppremettiet illi:

1. Hija kreditriċi tas-soċjetajiet konvenuti solidament bejniethom fl-ammont ta' disgħa u għoxrin elf, disgħa mija  sittin ewro u għoxrin ċenteżmu (€29,960.20), rappreżentanti ammont dovut, għal diversi servizzi reżi mis-soċjeta' attriċi lis-

soċjetajiet konvenuti konsistenti f'kiri ta' makkinarju tal-kostruzzjoni (Dok BBS1).

2. Minkejja li s-soċjetajiet konvenuti ġew interpellati ripetutament sabiex iħallsu l-imsemmi ammont, anke permezz ta' ittra uffiċjali datata 12 t'Ottubru 2016, huma baqgħu inadempjenti u ma ħallsux.

Talbet lill-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-soċjetajiet konvenuti huma debituri solidali tas-soċjeta attriċi fl-ammont ta' disgħa u għoxrin elf, disgħa mija u sittin ewro u għoxrin ċentezmu (€29,960.20), rappreżentanti ammont dovut, għal diversi servizzi rezi mis-soċjeta attriċi lill-konvenuti konsistenti f'kiri ta' makkinarju tal-kostruzzjoni.

2. Tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti in solidum sabiex iħallsu lis-soċjeta' attriċi, is-somma ta' disgħa u għoxrin elf, disgħa mija u sittin ewro u għoxrin ċentezmu (€29,960.20) dovuta kif premess.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 12 t' Ottubru, 2016, u bl-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Bonnici Bros Construction Limited f'isimha u għall-interess tagħha fil-konsorzju bl-isem *BM Tunnel JV* li permezz tagħha eċċepiet illi:

1. It-talbiet attriċi huma preskritti bid-dekors tat-tmintax-il xahar *ai termini* tal-art 2148 (f) tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. M'hemm l-ebda ammont dovut mill-esponenti lis-soċjeta` attriċi stante li l-makkinarju li tiegħu qed tintalab l-kera ma kienx idoneju għall-użu u dan a nonostante l-interventi li għamlu fuqu impjegati tas-soċjeta' attriċi, u għalhekk ma kienu ta' ebda utilita' għall-esponenti;

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' *MDM Costruzioni Generali Srl* li permezz tagħha eċċepiet illi:

1. It-talba attriċi hija preskritta ai termini tal-artiklu 2148 (f) tal-Kodiċi Ċivili.

2. L-ammont mitlub mhux dovut stante illi minħabba inadempjenza da parti tas-soċjeta` attriċi il-kuntratt bejn is-soċjeta` attriċi u is-soċjetajiet intimati li fuqu is-soċjeta` attriċi qed tibbaża t-talba tagħha kien xolt *ipso iure* a tenur tal-artiklu 117 tal-Kodiċi tal-Kummerċ li jipprovdi li l-patt riżoluttiv taċitu iholl il-kuntratt *ipso iure*;

3. Fi kwalunkwe każ l-ammont mitlub mhux dovut għaliex il-makkinarju mikri mir-attriċi ma kienx tajjeb għall-użu li għalih inkera lill-intimati u ma kien ta' ebda utilita` għalihom.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat li t-talba tal-attriċi hija għall-kiri ta' *tunnelling machine* fis-somma ta' €29,500 u għall-kiri ta' machine operator fis-somma ta' €460.

Rat is-sentenza tagħha in parte tas-17 ta' Jannar 2019 li permezz tagħha laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni abbażi tal-Artiklu 2148(f) tal-Kodiċi Ċivili fir-

rigward tal-kiri tat-*tunnelling machine* u ċaħditha dwar is-servizz ta' *machine operator.*

Rat id-digriet tagħha moghti bil-miftuħ waqt l-udjenza tal-21 ta' Frar 2019 li permezz tiegħu laqgħet it-talba tal-attriċi biex tingħata permess sabiex tappella mis-sentenza msemmija.

Rat li ma jirriżultax li l-attriċi appellat mis-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-attriċi ressqet  il-provi dwar il-mertu tas-servizz tal-*machine operator* permezz tax-xhud Paul Vella li esebixxa fattura fl-ammont ta' €460.20 (fol 180). Il-Qorti tqis li dan l-ammont huwa ppruvat bħala tassew dovut.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tiddisponi mill-kawża billi:

1. Tilqa' *in parte* l-ewwel talba billi tiddikjara li s-soċjetajiet konvenuti huma debituri solidali tas-soċjeta` attriċi fl-ammont ta' €460.20 rappreżentanti ammont dovut, għal servizz ta' *machine operator* ipprovdut mis-soċjeta` attriċi lill-konvenuti.

2. Tilqa' *in parte* t-tieni talba billi ikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti *in solidum* sabiex iħallsu lis-soċjeta' attriċi, s-somma ta' €460.20  dovuta kif premess.

L-ispejjeż, inklużi dawk kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 12 t' Ottubru, 2016, u tas-sentenza *in parte* tas-17 ta' Jannar 2019, jinqasmu 9/10 għall-attriċi u 1/10 għall-konvenuti. Bl-imgħax legali mill-5 ta' Diċembru 2015 - id-data tal-fattura -  sad-data tal-effettiv pagament.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA